Noel D'Anastas – ndanastas@gmail.com

# Teatru Unplugged




Red Electrick waqt waħda mill-edizzjonijiet ta' din is-sena ta' Teatru Unplugged fit-Teatru Manoel

Fit-tmiem il-ġimgħa l-oħra, fit-Teatru Manoel ttellgħet is-sittax-il edizzjoni ta' Teatru Unplugged li bla dubju fiha nghatat tislima denja lill-kofundatriċi ta' dan l–avveniment annwali, Nirvana Azzopardi, li tilfet il-battalja kontra l-kanċer ftit tal-ġimgħat ilu.

Fit-tlett ijiem li ttella' dan l-ispettaklu mużikali akustiku minn talent magħruf b'suċċess imħallat ma' wieħed promettenti sew, wassal biex għal edizzjoni oħra jerġa' jħalli Teatru mimli u jinġabru mat-€3,000 għal Hospice Malta.

Il-palk, dwal u s-*set up* kien lussu, hoss preċiż li mal-akustika sublimi li joffri t-teatru u wisq aktar l-artistrija ta' Raquela, Stalko, Chris Grech, Red Electrick,.Rachel Fabri, Gianluca Bezzina u The Crowns għamlu din l-edizzjoni waħda elettrifikanti.

Mill-mużika ta' Passangers għal Lady Gaga, imħallta ma' numri oriġinali mlibbsa b'arranġamenti kwieti xi kultant sofistikati, l-ingredjent mużikali fl-interpretazzjonijiet imwassla kienu versatili.

Teatru Unplugged 16 kien preżentat minn Josef Bonello.

'SBIEĦ IL-MILIED'

## 25 sena ilu...

Kwart ta' seklu ilu, fl-1988, kienet bdiet tinstema' għanja tal-Milied li mill-ewwel niżlet tajjeb u llum saret tradizzjoni. *Tini Tini Żmien il-Milied* bdiet tindaqq fuq il-*loud-speakers* fi Triq ir-Repubblika fil-Belt u f'bosta ħwienet. Għal ħafna snin kienet ta' stennija fuq 'Milied Flimkien' imxandar fuq it-TVM qabel ma kien tnieda 'l-Istrina'.

Saret parti mill-Milied Malti, speċjalment għall-kor ta' tfal ċkejknin. Kienet novità li tara *band* li kienet qed tgawdi bosta suċċessi bi ħruġ ta' diski u vidjos flimkien ma' sensiela ta' dehriet fuq l-uniku stazzjon tal-istat. Qed nirreferi għal dak li kienu għamlu l-X-Tend u l-kor tat-tfal ta' Phyllisienne Brincat.

*Tini Tini Zmien il-Milied* inkitbet minn Charles Dalli, il-preludju f'suċċess għal dak li kellu jiġri wara mhux biss fil-kasset 'Sbieħ il-Milied' li kien inħareġ f'dik is-sena 1988, iżda wisq aktar fis-CD doppju bl-istess isem maħruġ fl-2001 bħala kontinwità tal-kasset.

'Sbieħ il-Milied' hu kunsidrat bħala l-ewwel CD doppju f'pajjiżna, l-ewwel CD tal-Milied kif ukoll l-ewwel wieħed bl-ilsien Malti. Minnu spikat ukoll *Christmas Father Ġibli Pupa*. Iż-żmien għadda sew!

Il-kasset 'Sbieħ il-Milied' (Vol.1) kien ġabar 10 tracks *Doqqu Qniepen doqqu, Ejjew Maltin ningħaqdu, medley: Reġa' wasal il-Milied, Ninu Niiu tal-Milied u oħrajn, Reġa' wasal il-Milied, Il-ġrajja tal-Milied, Is-Siġra tal-Milied, Kartolina, Tini tini żmien il-Milied, Paċi u Sliem (mhux fil-Milied biss)* u *Il-Milied Hieni lil kulħadd.*

Kien ġie rekordjat fl-istudio ta' Tony Scott f'H'Attard. Il-kontribuzzjoni fl-arranġamenti ta' Scott flimkien mal-vuċijiet ta' Phyllisienne Brincat kienu effettivi u flimkien ma' Charles Dalli u Eric Ace finalment inħarġet produzzjoni tajba.

Fost il-kantanti żgħar f'dan il-kor insemmi lil Lawrence Gray, Fabrizio Faniello, Olivia u Marvic Lewis, Miriam Dalli, oħtha Veronique, l-aħwa Stephanie u Maria Lewis (The Starbrights), Alison Ellul u oħrajn li kollha jiftakru dawn is-snin b'tant nostalġija.

Charles Dalli jikkummenta hekk: "Ippruvajt noħloq stampa tal-Milied f'Malta. Qatt ma stennejt li kienet se tolqot l-għanja li ħarġet u s-suċċess li kisbet man-nies. Fuq kollox ħareġ il-messaġġ ta' ferħ u tama li jġib miegħu l-Milied. Għandi memorji sbieħ ħafna taż-żmien li qattajt naħdem fl-istudio ma' Tony Scott u Phyllisienne Brincat, professjonali ħafna, li daħlu fil-proġett qisu kien tagħhom u l-għajnuna li sibt mingħandhom kienet inkredibbli."

